SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

16 ta' Lulju 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — VAT — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Artikolu 17 — Dritt għal tnaqqis — Tnaqqis parzjali — VAT imħallsa minn kumpanniji holdings għall-akkwist ta' kapital investit fil-kumpanniji sussidjarji tagħhom — Provvisti ta' servizzi pprovduti lill-kumpanniji sussidjarji — Kumpanniji sussidjarji kkostitwiti bħala kumpannija b'responsabbiltà limitata — Artikolu 4 — Kostituzzjoni ta' grupp ta' persuni li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala persuna taxxabbli waħda — Kundizzjonijiet — Neċessità ta' relazzjoni ta' subordinazzjoni — Effett dirett"

Fil-Kawżi magħquda C-108/14 u C-109/14,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqin minn Bundesfinanzhof (il-Ġermanja), permezz ta deċiżjonijiet tal-11 ta' Diċembru 2013, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Marzu 2014, fil-proċeduri

Beteiligungsgesellschaft Larentia + Minerva mbH & Co. KG

vs

Finanzamt Nordenham (C-108/14),

u

Finanzamt Hamburg-Mitte

vs

Marenave Schiffahrts AG (C-109/14),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, MM. J.- C. Bonichot (Relatur), A. Arabadjiev, J. L. da Cruz Vilaça u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Jannar 2015,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Beteiligungsgesellschaft Larentia + Minerva mbH & Co. KG, minn M. Hertwig u G. Jorewitz, Steuerberaterinnen, u minn C. Hensell, avukat,

— għal Marenave Schiffahrts AG, minn A. Fresh, Prozessbevollmächtigter,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Irlanda, minn E. Creedon u J. Quaney kif ukoll minn A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn N.J Travers, barrister,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u A. Kramarczyk-Szaładzińska, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn V. Kaye, bħala aġent, assistita minn O. Thomas, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wasmeier u L. Lozano Palacios, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 4 u 17 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/69/KE, tal-24 ta' Lulju 2006 (ĠU L 76 M, p. 232, iktar il quddiem is-"Sitt Direttiva").

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, minn naħa waħda, Beteiligungsgesellschaft Larentia + Minerva mbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "Larentia + Minerva") u Finanzamt Nordenham (Awtorità tat-taxxa ta' Nordenham, il-Ġermanja) (C-108/14) u, min-naħa l-oħra, il-Finanzamt Hamburg-Mitte (Awtorità tat-taxxa ta' Hambourg-Mitte, il-Ġermanja) u Marenave Schiffahrts AG (iktar 'il quddiem "Marenave") (C-109/14), rigward is-suġġett tal-kundizzjonijiet tat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") li dawn il-kumpanniji holdings ħallsu input għall-akkwist ta' kapital maħsub sabiex jinxtraw ishma f'kumpanniji sussidjarji kkostitwiti bħala kumpannija b'responsabbiltà limitata u li huma sussegwentement ipprovdulhom servizzi suġġetti għall-VAT.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 4 tas-Sitt Direttiva jipprovdi:

"1. "Persuna taxxabbli" tfisser kull persuna li b'mod indipendenti twettaq fi kwalunkwe post attività ekonomika msemmija fil-paragrafu 2, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

2. L-attivitajiet ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-attivitajiet kollha ta' produtturi, kummerċjanti u persuni li jagħtu, magħduda attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skop ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandu wkoll jitqies bħala attività ekonomika.

[...]

4. L-użu tal-frażi "b'mod indipendenti" fil-paragrafu 1 għandha teskludi mit-taxxa persuni mpjegati jew persuni oħra sakemm huma jkunu marbutin ma' min jimpjega b'kuntratt ta' impjieg jew b'kull irbit legali ieħor li joħloq ir-relazzjoni ta' bejn min jimpjega u impjegat dwar kondizzjonijiet ta' xogħol, ħlas u responsabbiltà ta' min jimpjega.

Bla ħsara għall-konsultazzjonijet imsemmija fl-Artikolu 29, kull Stat Membru jista' jqis bħala persuna taxxabbli waħedha persuni stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż li, filwaqt li huma indipendenti legalment, ikollhom x'jaqsmu mill-qrib ma' xulxin b'rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi.

Stat Membru li jeżerċita l-għażla prevista fit-tieni subparagrafu, jista' jadotta kwalunkwe miżura meħtieġa sabiex jimpedixxi l-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa permezz ta' l-użu ta' din id-dispożizzjoni.

[...]"

4 Skont l-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva:

"1. Id-dritt li tnaqqas għandu jqum fl-istess ħin meta t-taxxa mnaqqsa ssir taxxabbli.

2. Sa kemm l-oġġetti u s-servizzi huma użati għall-iskopijiet fuq it-transazzjoni taxxabbli tiegħu, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata biex tnaqqas mit-taxxa li hi responsabbli biex tħallas:

a) taxxa fuq il-valur miżjud dovuta jew mħallsa fir-rigard ta' oġġetti jew servizzi pprovduti jew li għandhom ikunu pprovduti lilu minn persuna taxxabbli oħra;

[...]

5 Fir-rigward ta' oġġetti u servizzi li għandhom ikunu wżati minn persuna taxxabbli kemm għal transazzjonijiet koperti b'paragrafi 2 u 3, fir-rigward ta' li t-taxxa fuq il-valur miżjud titnaqqas, u għal transazzjonijiet fir-rigward ta' li t-taxxa fuq il-valur miżjud ma titnaqqasx, it-tali proporzjon biss tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun imnaqqas kif hu attribwit għat-transazzjonijiet ta' qabel.

Dan il-proporzjon għandu jkun determinat, b'mod konformi ma' l-Artikolu 19, għat-transazzjonijiet kollha mwettqa minn persuna taxxabbli.

Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu:

a) jawtorizzaw lill-persuna taxxabbli biex tistabbilixxi proporzjon għal kull settur tan-negozju tiegħu, sakemm kontijiet separati huma miżmuma għal kull settura;

b) iġiegħlu 'l-persuna taxxabbli biex tiddetermina proporzjon għal kull settur tan-negozju tiegħu u żżomm kontijiet separati għal kull settur;

(ċ) jawtorizzaw jew iġiegħlu l-persuna taxxabbli biex tagħmel it-tnaqqis fuq il-bażi ta' l-użu ta' kollha jew parti mill-oġġetti u s-servizzi hemmhekk;

d) jawtorizzaw lill-persuna taxxabbli mġiegħla tagħmel it-tnaqqis b'mod konformi mar-regola stabbilita fl-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' l-oġġetti u s-servizzi kollha użati għal transazzjonijiet msemmija hemmhekk;

e) jipprovdu li fejn it-taxxa fuq il-valur miżjud li m'hix imnaqqsa mill-persuna taxxabbli hi insinifikanti, hi għandha tkun trattata bħala xejn.

[...]"

Id-dritt Ġermaniż

5 Skont l-Artikolu 2 tal-Liġi tal-2005 dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (Umsatzsteuergesetz 2005, BGBl. I, p. 386):

"1. Kummerċjant huwa persuna li twettaq b'mod indipendenti attività industrijali, kummerċjali jew professjonali. L-impriża tinkludi kull attività industrijali, kummerċjali jew professjonali tal-kummerċjant. "Attività industrijali, kummerċjali jew professjonali" tfisser kull attività permanenti u eżerċitata sabiex jinkiseb dħul, anki jekk ma hemmx l-intenzjoni li jsir profitt jew raggruppament ta' persuni jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom biss fir-rigward tal-membri tagħhom.

2. L-attività industrijali, kummerċjali jew professjonali ma hijiex eżerċitata b'mod indipendenti

1. fil-każ li l-persuni fiżiċi huma, individwalment jew flimkien, integrati f'impriża hekk li huma marbutin isegwu l-ordnijiet tal-imprenditur,

2. meta l-istruttura globali tar-rabtiet effettivi turi li persuna ġuridika hija integrata fuq livell finanzjarju, ekonomiku u organizzattiv fl-impriża tal-korp dominanti (unità fiskali). L-effetti tal-unità fiskali huma limitati għall-servizzi interni bejn fergħat tal-impriża li jinsabu fil-pajjiż. Dawn il-fergħat għandhom ikunu ttrattati bħala impriża unika. Fil-każ li t-tmexxija tal-korp dominanti tinsab f'pajjiż barrani, il-fergħa tal-impriża li hija l-iktar ekonomikament importanti fil-pajjiż hija kkunsidrata li hija l-imprenditur.

[...]"

6 Skont l-Artikolu 15 ta' din il-Liġi:

"1. L-imprenditur jista' jnaqqas it-taxxi imħallsa input segwenti:

1. it-taxxa legalment dovuta għal kunsinni u servizzi oħra li twettqu minn imprenditur ieħor għall-bżonnijiet tal-impriża tiegħu [...]

2. Hija eskluża mit-tnaqqis it-taxxa mħallsa għall-provvista, għall-importazzjoni jew għax-xiri intra-Komunitarju ta' oġġetti, jew għall-servizzi oħra li l-imprenditur juża sabiex iwettaq it-tranżazzjonijiet li ġejjin:

1. it-tranżazzjonijiet eżentati;

[...]

3. L-esklużjoni tat-tnaqqis imsemmija fit-tieni paragrafu ma tapplikax meta t-tranżazzjonijiet

1. fil-każijiet imsemmija fil-punt 1 tat-tieni paragrafu,

a) huma eżentati skont il-punti 1 sa 7 tal-Artikolu 4, l-Artikolu 25(2) jew id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 26(5) [...]

[...]

4. Jekk, għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu, imprenditur juża oġġetti pprovduti, importati jew mixtrija fil-Komunità, jew xi servizz ipprovdut lilu, biss parzjalment sabiex iwettaq tranżazzjonijiet li fir-rigward tagħhom id-dritt għal tnaqqis huwa eskluż, ma għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis tal-parti tat-taxxa mħallsa input u li hija ekonomikament marbuta ma' dawn it-tranżazzjonijiet. L-imprenditur jista' jagħmel stima xierqa tal-ammonti li ma jistgħux jitnaqqsu. Id-determinazzjoni tal-parti li ma tistax titnaqqas tat-taxxa mħallsa input skont ir-relazzjoni bejn il-perċentwali tad-dħul mill-bejgħ li fir-rigward tiegħu d-dritt għal tnaqqis huwa eskluż u d-dħul mill-bejgħ li fir-rigward tiegħu hemm dritt għal tnaqqis hija permissibbli biss jekk ma hija possibbli ebda allokazzjoni ekonomika oħra [...]"

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Il-kawża C-108/14

7 Larentia + Minerva kellha, bħala soċju akkomandanti, 98 % tal-ishma ta' żewġ kumpanniji sussidjarji kkostitwiti bħala kumpannija b'responsabbiltà limitata in akkomandita (GmbH & Co. KG). Hija kienet tipprovdilhom, barra minn hekk, bħala "kumpannija holding ta' tmexxija", servizzi amministrattivi u kummerċjali bi ħlas.

8 Għal dawn is-servizzi suġġetti għall-VAT, Larentia + Minerva għamlet tnaqqis sħiħ ta' din it-taxxa li kienet ħallset input għall-akkwist, mingħand terz, ta' kapital li serva biex jiffinanzja l-akkwist minnha ta' ishma fil-kumpanniji sussidjarji tagħha u l-attivitajiet tagħha ta' provvista ta' servizzi.

9 Il-Finanzamt Nordenham approvat dan it-tnaqqis biss parzjalment, peress li s-sempliċi żamma ta' ishma fil-kumpanniji sussidjarji ma jagħtix dritt, fil-fehma tagħha, għal tnaqqis. L-avviż ta' rettifika ta' tassazzjoni tal-24 ta' Settembru 2007 dwar il-VAT dovuta għas-sena 2005 ġie kkontestat minn Larentia + Minerva quddiem in-Niedersächsisches Finanzgericht (Tribunal tal-finanzi tas-Sassonja ta' Isfel, il-Ġermanja), li ċaħdet ir-rikors tagħha permezz tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011. Larentia + Minerva adixxew il-Bundesfinanzhof (qorti federali tal-finanzi) b'rikors ta' "Reviżjoni" kontra din is-sentenza.

10 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, minn naħa, dwar il-metodi ta' kalkolu tat-tnaqqis tal-VAT imħallsa input meta dan it-tnaqqis jista' jkun biss parzjali u, minn naħa l-oħra, dwar il-portata tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva dwar "ir-raggrupament tal-VAT", li ġie invokat minn Larentia + Minerva. F'dan ir-rigward, din il-qorti tistaqsi b'mod partikolari jekk id-dritt nazzjonali huwiex kompatibbli ma' din id-dispożizzjoni meta jeskludi lill-kumpanniji b'responsabbiltà limitata milli jibbenefikaw minn tali dispożizzjoni u jeżiġi rabta ta' subordinazzjoni tal-kumpanniji sussidjarji fir-rigward tal-korpi dominanti.

11 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Skont liema metodu ta' kalkolu għandu jiġi kkalkolat it-tnaqqis (parzjali) tat-taxxa tal-input imħallsa minn kumpannija holding fir-rigward ta' provvisti [servizzi] marbuta mal-akkwist ta' kapital maħsub sabiex jinxtraw ishma f'kumpanniji sussidjarji meta din il-kumpannija holding tipprovdi sussegwentement lil dawn il-kumpanniji sussidjarji (kif previst minn qabel) diversi provvisti suġġetti għat-taxxa?

2) Id-dispożizzjoni dwar l-assimilazzjoni ta' diversi persuni bħala persuna taxxabbli waħda, li tinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva […], tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi (l-ewwel nett) li persuna ġuridika waħda biss, u għalhekk mhux soċjetà [kumpannija b'responsabbiltà limitata], tista' tiġi integrata fl-impriża ta' persuna taxxabbli oħra (l-impriża [korp] msejħa dominanti) u li tippresupponi (it-tieni nett) li din il-persuna ġuridika tkun 'integrata fl-impriża dominanti' minn aspett finanzjarju, ekonomiku u organizzattiv (fis-sens ta' ġerarkija fir-relazzjonijiet)?

3) Fil-każ li t-tieni domanda tingħata risposta fl-affermattiv, persuna taxxabbli tista' tinvoka direttament it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva […]?"

Il-kawża C-109/14

12 Marenave żiedet il-kapital tagħha matul l-2006 u l-ispejjeż tal-ħruġ tal-ishma marbutin ma' din iż-żieda taw lok għall-ħlas ta' VAT ta' EUR 373 347.57.

13 Din il-kumpannija, bħala kumpannija holding, akkwistat, fl-istess sena, ishma f'erba' "soċjetajiet [kumpanniji] ta' bastimenti in akkomandita" fl-amministrazzjoni kummerċjali tagħhom, permezz ta' remunerazzjoni. Mill-VAT dovuta skont id-dħul magħmul minn din l-attività ta' amministrazzjoni, hija naqqset b'mod partikolari s-somma sħiħa ta' EUR 373 347.57 għall-VAT imħallsa input.

14 B'deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2009, il-Finanzamt Hamburg-Mitte ma aċċettatx it-tnaqqis korrispondenti għal din is-somma. Permezz tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2012, il-Finanzgericht Hamburg-Mitte (Tribunal tal-finanzi ta' Hamburg-Mitte) laqgħet l-appell li kien sar minn Marenave kontra din id-deċiżjoni. Il-Finanzamt Hamburg-Mitte adixxiet il-Bundesfinanzhof b'rikors ta' "Reviżjoni" minn din is-sentenza.

15 Il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja l-istess domandi bħal dawk li huma stabbiliti fil-punt 11 ta' din is-sentenza.

16 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 2014, il-Kawżi C-108/14 u C-109/14 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

17 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju, li tpoġġi lilha nnifisha fis-sitwazzjoni fejn it-tnaqqis tal-VAT imħallsa input huwa ammess biss sa fejn l-ispejjeż li saru mill-persuna taxxabbli jistgħu jiġu attribwiti biss parzjalment għall-attività ekonomika tagħha, tistaqsi dwar il-metodi ta' kalkolu skont liema l-VAT imħallsa b'dan il-mod input minn kumpannija holding għall-akkwist ta' kapital maħsub sabiex jinxtraw ishma f'kumpanniji sussidjarji għandha tkun maqsuma bejn l-attivitajiet ekonomiċi u l-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-imsemmija kumpannija.

18 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, ma għandhiex la l-*istatus* ta' persuna taxxabbli għall-VAT, fis-sens tal-Artikolu 4 tas-Sitt Direttiva, u lanqas id-dritt għat-tnaqqis skont l-Artikolu 17 ta' din id-direttiva kumpannija holding li l-unika għan tagħha hija l-kisba tal-ishma f'impriżi oħra mingħajr ma tinvolvi lilha nnifisha direttament jew indirettament fl-amministrazzjoni ta' dawn l-impriżi, bla ħsara għad-drittijiet li għandha din il-kumpannija holding bħala azzjonista jew soċja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Cibo Participations, C-16/00, EU:C:2001:495, punt 18, u l-Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 31).

19 Is-sempliċi kisba u s-sempliċi żamma ta' ishma ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala attivitajiet ekonomiċi fis-sens tas-Sitt Direttiva, li jagħtu lill-awtur tagħhom il-karatteristika ta' persuna taxxabbli. Fil-fatt, is-sempliċi akkwist ta' ishma finanzjarji f'impriżi oħra ma jikkostitwixxix sfruttament ta' beni intiż biex jipproduċi dħul li għandu natura permanenti għaliex id-dividend eventwali, frott ta' dan is-sehem, jirriżulta mis-sempliċi proprjetà tal-beni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Cibo Participations, C-16/00, EU:C:2001:495, punt 19, u Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 32).

20 Dan kollu ma japplikax meta s-sehem jinkludi involviment dirett jew indirett fl-amministrazzjoni tal-kumpanniji li fihom ikun sar it-teħid ta' ishma, bla ħsara għad-drittijiet li jżomm il-proprjetarju tal-ishma bħala azzjonist jew bħala soċju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Cibo Participations, C-16/00, EU:C:2001:495, punt 20, u Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 33).

21 L-involviment ta' kumpannija holding fl-amministrazzjoni tal-kumpanniji li fihom hija ħadet ishma jikkostitwixxi attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 4(2) tas-Sitt Direttiva sa fejn dan jimplika l-implementazzjoni ta' tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bħall-provvista ta' servizzi amministrattivi, finanzjarji, kummerċjali u tekniċi mill-kumpannija holding lill-kumpanniji sussidjarji tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Cibo Participations, C-16/00, EU:C:2001:495, punt 22, u Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 34).

22 Għandu jitfakkar ukoll, fit-tieni lok, li d-dritt għal tnaqqis previst fl-Artikoli 17 *et seq* tas-Sitt Direttiva jagħmel parti integrali mill-mekkaniżmu tal-VAT u, bħala prinċipju, ma jistax jiġi limitat. Id-dritt għal tnaqqis għandu jiġi eżerċitat immedjatament fir-rigward tat-taxxi kollha imposti fuq it-tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħlasijiet input. Kull limitazzjoni għal dritt għal tnaqqis għandu effett fuq il-livell tat-tariffa fiskali u għandu japplika b'mod simili fl-Istati Membri kollha. Konsegwentement, huma permessi derogi biss fil-każijiet ipprovduti espressament fis-Sitt Direttiva (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 35).

23 Sabiex il-VAT tkun tista' titnaqqas, it-tranżazzjonijiet imħallsa input diġà mwettqa għandhom jippreżentaw rabta diretta u immedjata ma' tranżazzjonijiet output li jagħtu dritt għal tnaqqis. Għalhekk, id-dritt għal tnaqqis tal-VAT li kienet imposta f'ras il-għajn fuq l-akkwist ta' oġġetti jew ta' servizzi jippreżupponi li l-ispejjeż inkorsi fl-akkwist ta' dawn l-oġġetti jew is-servizzi huma parti mill-komponenti tal-prezz tat-tranżazzjonijiet intaxxati iktar tard li huma eliġibbli għal tnaqqis (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Cibo Participations, C-16/00, EU:C:2001:495, punt 31, u Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 36).

24 Madankollu dritt għal tnaqqis huwa aċċettat ukoll favur il-persuna taxxabbli, anki fin-nuqqas ta' rabta diretta u immedjata bejn tranżazzjoni partikolari tal-input u tranżazzjoni waħda jew iktar tal-output li jagħtu dritt għal tnaqqis, meta l-ispejjeż tas-servizzi inkwistjoni jagħmlu parti mill-ispejjeż ġenerali ta' din tal-aħħar u jkunu, bħala tali, elementi li jikkostitwixxu l-prezz tal-oġġetti jew tas-servizzi li din il-persuna tipprovdi. Dawn l-ispejjeż, għandhom, fil-fatt, rabta diretta u immedjata mal-attività ekonomika fl-intier tagħha tal-persuna taxxabbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Cibo Participations, C-16/00, EU:C:2001:495, punt 33, u Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 37).

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 39 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-ispejjeż marbutin mal-akkwist ta' ishma fil-kumpanniji sussidjarji tagħha appoġġjati minn kumpannija holding li hija involuta fl-amministrazzjoni tagħhom u li, għal dan il-għan, twettaq attività ekonomika, kif ġie mfakkar fil-punt 21 ta' din is-sentenza, għandhom jiġu kkunsidrati bħala attribwibbli għall-attività ekonomika ta' din il-kumpannija u l-VAT imħallsa fuq dawn l-ispejjeż hija suġġetta għal tnaqqis totali, skont l-Artikolu 17(2) tas-Sitt Direttiva.

26 Fir-rigward tas-sistema tat-tnaqqis prevista fl-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva, hija intiża biss għall-każijiet fejn il-beni u s-servizzi jintużaw mill-persuna taxxabbli sabiex twettaq kemm tranżazzjonijiet ekonomiċi li jagħtu dritt għal tnaqqis kif ukoll tranżazzjonijiet ekonomiċi li ma jagħtux dritt għal tnaqqis, jiġifieri beni u servizzi li l-użu tagħhom huwa mħallat. L-Istati Membri jistgħu jużaw waħda mill-metodi ta' tnaqqis imsemmija fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 17(5) ta' din id-direttiva biss għall-imsemmija beni u servizzi (sentenza Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 40).

27 Ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva jirrigwardaw it-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud fuq l-spejjeż li huma marbuta esklużivament ma' tranżazzjonijiet ekonomiċi. Id-determinazzjoni tal-metodi u tal-kriterji ta' allokazzjoni tal-ammonti tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud imħallsa bejn attivitajiet ekonomiċi u attivitajiet mhux ekonomiċi fis-sens tas-Sitt Direttiva taqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri li, fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-iskop u l-istruttura ġenerali ta' din id-direttiva u, għal dan il-għan, jipprevedu metodu ta' kalkolu li jirrifletti oġġettivament il-parti ta' imputazzjoni reali tal-ispejjeż tal-input għal kull waħda minn dawn iż-żewġ attivitajiet (sentenzi Securenta, C-437/06, EU:C:2008:166, punti 33 u 39, u Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 42).

28 F'dan il-każ, jirriżulta mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju li, fil-kawżi prinċipali, il-kumpanniji holdings huma suġġetti għall-VAT skont l-attività ekonomika li tikkostitwixxi l-provvisti li huma jipprovdu bi ħlas lill-kumpanniji sussidjarji tagħhom kollha. Għalhekk, il-VAT imħallsa fuq l-ispejjeż għax-xiri ta' dawn is-servizzi għandha titnaqqas fl-intier tagħha, sakemm it-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa output ma jkunux eżentati mill-VAT bis-saħħa tas-Sitt Direttiva, f'liema każ id-dritt għal tnaqqis għandu jseħħ biss skont il-metodi previsti fl-Artikolu 17(5) ta' din id-direttiva.

29 Huwa għalhekk biss fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-ishma li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet tal-kapital li wettqu l-kumpanniji holdings inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu ġew attribwiti parzjalment lill-kumpanniji sussidjarji oħra li ma kellhomx sehem fl-amministrazzjoni tagħhom dawn il-kumpanniji holdings li, kif ġie kkunsidrat fl-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju, il-VAT imħallsa fuq l-ispejjeż ta' dawn it-tranżazzjonijiet tista' tiġi mnaqqsa biss parzjalment. Fil-fatt, f'dan il-każ, is-sempliċi żamma tal-ishma tagħhom f'dawn il-kumpanniji sussidjarji ma tistax titqies bħala attività ekonomika ta' dawn il-kumpanniji holdings u għalhekk il-VAT imħallsa input għandha tiġi allokata bejn dik li tirrigwarda l-attivitajiet ekonomiċi u dik li tirrigwarda l-attivitajiet li ma humiex ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar.

30 F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu japplikaw, skont il-każ, jew formula ta' tqassim ibbażata fuq in-natura tal-investiment, jew formula ta' tqassim ibbażata fuq in-natura tat-tranżazzjoni, jew saħansitra kull formula xierqa oħra, mingħajr ma huma obbligati jagħżlu wieħed biss minn dawn il-metodi (sentenza Securenta, C-437/06, EU:C:2008:166, punt 38).

31 Għalhekk, huma biss l-awtoritajiet nazzjonali, taħt is-superviżjoni tal-qrati, li għandhom jistabbilixxu l-kriterji tal-allokazzjoni bejn attivitajiet ekonomiċi u attivitajiet mhux ekonomiċi hekk li tirrifletti oġġettivament il-parti tal-attribuzzjoni reali tal-ispejjeż input lil kull waħda minn dawn iż-żewġ attivitajiet, fid-dawl tal-finalità u tal-istruttura ġenerali tas-Sitt Direttiva (sentenza Securenta, C-437/06, EU:C:2008:166, punt 39).

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u għall-istess kunsiderazzjonijiet bħal dawk iddikjarati mill-Avukat Ġenerali fil-punti 20 u 21 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tissostitwixxi ruħha la għal leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea u lanqas għall-awtoritajiet nazzjonali sabiex tistabbilixxi metodu ġenerali ta' kalkolu prorata bejn attivitajiet ekonomiċi u attivitajiet mhux ekonomiċi.

33 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 17(2) u (5) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— l-ispejjeż marbuta max-xiri tal-ishma fil-kumpanniji sussidjarji appoġġjati minn kumpannija holding li tinvolvi ruħha fl-amministrazzjoni tagħhom u li, għal dan il-għan, twettaq attività ekonomika għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-ispejjeż ġenerali tagħha u l-VAT imħallsa fuq dawn l-ispejjeż għandha, bħala prinċipju, titnaqqas fl-intier tagħha, sakemm uħud mit-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa output ma jkunux eżentati mill-VAT bis-saħħa tas-Sitt Direttiva, f'liema każ id-dritt għal tnaqqis għandu jseħħ biss skont il-metodi previsti fl-Artikolu 17(5) ta' din id-direttiva.

— l-ispejjeż marbuta max-xiri tal-ishma fil-kumpanniji sussidjarji appoġġjati minn kumpannija holding li tinvolvi ruħha biss fl-amministrazzjoni ta' xi wħud minnhom u li, fir-rigward tal-oħrajn, ma twettaqx, min-naħa l-oħra, attività ekonomika għandhom jitqiesu li jagħmlu parti biss parzjalment mill-ispejjeż ġenerali tagħha, hekk li l-VAT imħallsa fuq dawn l-ispejjeż tista' titnaqqas biss fi proporzjon għal dawk li huma inerenti għall-attività ekonomika, skont kriterji ta' allokazzjoni ddefiniti mill-Istati Membri, liema kriterji, fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni – fatt li l-qrati nazzjonali għandhom jivverifikaw – l-għan u l-istruttura ġenerali tas-Sitt Direttiva u, għal dan il-għan, jipprovdu metodu ta' kalkolu hekk li jirrifletti oġġettivament il-parti tal-attribuzzjoni reali tal-ispejjeż input lill-attività ekonomika u lill-attività mhux ekonomika.

Fuq it-tieni domanda

34 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-liġi ta' Stat Membru tirriżerva l-possibbiltà li tikkostitwixxi raggruppament ta' persuni li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala persuna taxxabbli waħda għal raġunijiet ta' VAT (iktar 'il quddiem "raggruppament tal-VAT"), kif previst f'din id-dispożizzjoni, unikament lill-entitajiet li għandhom personalità ġuridika u li huma marbuta mal-korp dominanti ta' dan ir-raggruppament f'relazzjoni ta' subordinazzjoni.

35 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-portata ta' din id-dispożizzjoni sa fejn il-benefiċċju tagħha ġie invokat quddiemha. Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-risposta għal din id-domanda tista' tkun rilevanti, għal kuntrarju tad-dubji espressi f'dan ir-rigward mill-Irlanda fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet fil-kawżi prinċipali. Fil-fatt, l-istatus tar-raggruppament tal-VAT mogħti lill-kumpannija holding u lill-kumpanniji sussidjarji tagħha jista' jwassal għall-għoti lil dan ir-raggruppament, fir-rigward tat-tranżazzjonijiet bi ħlas imwettqa bejn il-kumpanniji sussidjarji u l-impriżi terzi, tal-benefiċċju tat-tnaqqis integrali tal-VAT imħallsa input marbut mat-tranżazzjonijiet tal-kapital li wettqet il-kumpannija holding.

36 Fir-rigward tar-risposta li għandha tingħata lit-tieni domanda, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), li l-formulazzjoni tiegħu tirripproduċi dik tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva, ikkonstatat li dawn id-dispożizzjonijiet, li jippermettu li kull Stat Membru jista' jikkunsidra bħala persuna taxxabbli waħedha kwalunkwe persuni stabbiliti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru li, filwaqt li huma indipendenti legalment, ikollhom x'jaqsmu mill-qrib ma' xulxin b'rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi, ma jissuġġettawx l-implementazzjoni tagħhom għal kundizzjonijiet oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-85/11, EU:C:2013:217, punt 36).

37 Għalhekk, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li, b'differenza minn dispożizzjonijiet oħra tas-Sitt Direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 28a u 28b tagħha, li jsemmu espliċitament l-"persuni ġuridiċi", it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva, li jsemmi l-"persuni", ma jeskludix, fih innifsu, mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-entitajiet li, bħall-kumpanniji in akkomandita inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, ma għandhomx personalità ġuridika.

38 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva lanqas ma jipprovdi espressament il-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jimponu kundizzjonijiet oħra fuq l-operaturi ekonomiċi sabiex ikunu jistgħu jikkostitwixxu raggruppament tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, C-480/10, EU:C:2013:263, punt 35) u, b'mod partikolari, il-possibbiltà li l-Istati Membri jkunu jeħtieġu li l-entitajiet li għandhom personalità ġuridika biss jistgħu jkunu membri ta' raggruppament tal-VAT.

39 Għalhekk huwa importanti li jiġi vverifikat jekk il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri, li għandhom l-għażla li jippermettu fuq it-territorju tagħhom il-kostituzzjoni ta' tali raggruppamenti tal-VAT, tawtorizzahomx sabiex jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva l-entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika.

40 Mill-motivi tal-proposta tal-Kummissjoni [COM (73) 950 finali] li wasslet għall-adozzjoni tas-Sitt Direttiva jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni, billi adotta t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) ta' din id-direttiva, ried jippermetti li l-Istati Membri ma jorbtux sistematikament l-i*status* ta' persuna taxxabbli mal-kunċett ta' indipendenza purament legali, sewwa jekk biex ikun hemm simplifikazzjoni amministrattiva, sewwa jekk biex jiġu evitati ċerti abbużi bħal, pereżempju, il-qsim ta' impriża bejn diversi persuni taxxabbli bl-għan li jibbenefikaw minn sistema speċifika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, C-480/10, EU:C:2013:263, punt 37).

41 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, għall-implementazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/112, l-Istati Membri, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom, setgħu jissuġġettaw l-applikazzjoni tas-sistema ta' raggruppament tal-VAT għal ċerti restrizzjonijiet sakemm dawn jaqgħu taħt l-għanijiet ta' din id-direttiva intiża li tipprevjeni l-prattiki u l-aġir abbużiv jew li tiġġieled kontra l-frodi jew l-evażjoni tat-taxxa (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, C-480/10, EU:C:2013:263, punti 38 u 39).

42 Madankollu, għalkemm is-Sitt Direttiva ma kinitx tinkludi, sad-dħul fis-seħħ tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2006/69, tal-24 ta' Lulju 2006, dispożizzjonijiet espliċiti li huma simili għal dik tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/112, din iċ-ċirkustanza ma kinitx tiċħad lill-Istati Membri mill-possibbiltà li jadottaw, qabel dan id-dħul fis-seħħ, miżuri li għandhom effett ekwivalenti, peress li l-prevenzjoni, mill-Istati Membri, tal-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa tikkostitwixxi oġġettiv rikonoxxut u nkoraġġut mis-Sitt Direttiva, anki fl-assenza ta' awtorizzazzjoni espressa tal-leġiżlatur tal-Unjoni (ara. f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punti 70 u 71).

43 Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk l-esklużjoni tal-entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika mill-benefiċċju tas-sistema tar-raggruppament tal-VAT, kif jirriżulta mid-dritt nazzjonali applikabbli għall-kwistjonijiet fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxix miżura neċessarja u xierqa għal tali għanijiet li huma intiżi li jipprevjenu l-prattiki jew l-aġir abbużiv jew li jiġġieldu kontra l-frodi jew l-evażjoni tat-taxxa.

44 Fit-tieni lok, jirriżulta, mill-formulazzjoni stess tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva li kull Stat Membru jista' jqis bħala persuna taxxabbli waħedha persuni stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż li, filwaqt li huma indipendenti legalment, ikollhom x'jaqsmu mill-qrib ma' xulxin b'rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi. In-natura mill-qrib, meħuda waħidha, tar-relazzjonijiet li jorbtu dawn il-persuni ma tistax għalhekk, fl-assenza ta' kull rekwiżit ieħor, twassal għal-kunsiderazzjoni li

l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirriżerva l-benefiċċju tas-sistema tar-raggruppament tal-VAT lill-entitajiet biss li jinsabu f'relazzjoni ta' subordinazzjoni mal-korp dominanti tar-raggruppament tal-impriżi kkunsidrati.

45 Għalkemm l-eżistenza ta' tali relazzjoni ta' subordinazzjoni tippermetti li jiġi preżunt li r-relazzjonijiet bejn il-persuni inkwistjoni huma mill-qrib, hija madankollu, bħala prinċipju, ma tistax titqies bħala kundizzjoni neċessarja għall-kostituzzjoni ta' raggruppament tal-VAT, kif ġie osservat mill-Avukat Ġenerali fil-punt 99 tal-konklużjonijiet tiegħu. Dan jista' jkun il-każ biss f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali fejn tali kundizzjoni tkun, f'kuntest nazzjonali stabbilit, miżura kemm neċessarja kif ukoll xierqa sabiex tikseb l-għanijiet intiżi li jipprevjenu l-prattiki jew l-aġir abbużiv jew il-ġlieda kontra l-frodi jew l-evażjoni tat-taxxa.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-liġi nazzjonali tirriżerva l-possibbiltà li tikkostitwixxi raggruppament tal-VAT, kif previst fl-imsemmija dispożizzjoni, unikament lill-entitajiet li għandhom personalità ġuridika u li huma marbuta mal-korp dominanti ta' dan ir-raggruppament f'relazzjoni ta' subordinazzjoni, sakemm dawn iż-żewġ rekwiżiti ma jikkostitwixxux miżuri neċessarji u xierqa biex jiksbu l-għanijiet intiżi li jipprevjenu l-prattiki jew l-aġir abbużiv jew il-ġlieda kontra l-frodi jew l-evażjoni tat-taxxa, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq it-tielet domanda

47 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk l-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva jistax jiġi kkunsidrat bħala li għandu effett dirett li jippermetti lill-persuni taxxabbli sabiex jitolbu għall-benefiċċju tiegħu kontra l-Istat Membru tagħhom fil-każ li l-leġiżlazzjoni ta' dan tal-aħħar ma tkunx kompatibbli ma' din id-dispożizzjoni u ma tistax tiġi interpretata konformement magħha.

48 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, f'kull każ fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, mingħajr kundizzjonijiet u preċiżi biżżejjed, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qorti nazzjonali kontra l-Istat meta dan jew ikun naqas milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini previsti jew ikun għamel traspożizzjoni inkorretta tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza GMAC UK, C-589/12, EU:C:2014:2131, punt 29).

49 Dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tkun mingħajr kundizzjoni meta din tistabbilixxi obbligu li ma huwa kkwalifikat b'ebda kundizzjoni u lanqas ma huwa suġġett, fl-implementazzjoni jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' xi att tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri (ara, b'mod partikolari, is-sentenza GMAC UK, C-589/12, EU:C:2014:2131, punt 30).

50 Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 112 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva li l-kostituzzjoni ta' raggruppament tal-VAT hija suġġetta għall-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib fuq il-pjan finanzjarju, ekonomiku jew organizzattiv bejn il-persuni rilevanti teħtieġ li tkun speċifikata fuq livell nazzjonali. Dan l-artikolu għalhekk huwa kkundizzjonat sa fejn huwa jinvolvi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-portata konkreta ta' tali rabtiet.

51 Konsegwentement, l-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva ma jissodisfax l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikollu effett dirett.

52 Għalhekk, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li għandu effett dirett li jippermetti lill-persuni taxxabbli sabiex jitolbu għall-benefiċċju tiegħu kontra l-Istat Membru tagħhom fil-każ li l-leġiżlazzjoni ta' dan tal-aħħar ma tkunx kompatibbli ma' din id-dispożizzjoni u ma tistax tiġi interpretata konformement magħha.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 17(2) u (5) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/69/KE, tal-24 ta' Lulju 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

   — **l-ispejjeż marbuta max-xiri tal-ishma fil-kumpanniji sussidjarji appoġġjati minn kumpannija holding li tinvolvi ruħha fl-amministrazzjoni tagħhom u li, għal dan il-għan, twettaq attività ekonomika għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-ispejjeż ġenerali tagħha u t-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa fuq dawn l-ispejjeż għandha, bħala prinċipju, titnaqqas fl-intier tagħha, sakemm uħud mit-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa output ma jkunux eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud bis-saħħa tas-Sitt Direttiva 77/388, kif emendata bid-Direttiva 2006/69, f'liema każ id-dritt għal tnaqqis għandu jseħħ biss skont il-metodi previsti fl-Artikolu 17(5) ta' din id-direttiva;**

   — **l-ispejjeż marbuta max-xiri tal-ishma fil-kumpanniji sussidjarji appoġġjati minn kumpannija holding li tinvolvi ruħha biss fl-amministrazzjoni ta' xi wħud minnhom u li, fir-rigward tal-oħrajn, ma twettaqx, min-naħa l-oħra, attività ekonomika għandhom jitqiesu li jagħmlu parti biss parzjalment mill-ispejjeż ġenerali tagħha, hekk li t-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa fuq dawn l-ispejjeż tista' titnaqqas biss fi proporzjon għal dawk li huma inerenti għall-attività ekonomika, skont kriterji ta' allokazzjoni ddefiniti mill-Istati Membri, liema kriterji, fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni – fatt li l-qrati nazzjonali għandhom jivverifikaw – l-għan u l-istruttura ġenerali tas-Sitt Direttiva u, għal dan il-għan, jipprovdu metodu ta' kalkolu hekk li jirrifletti oġġettivament il-parti tal-attribuzzjoni reali tal-ispejjeż input lill-attività ekonomika u lill-attività mhux ekonomika.**

2) **It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva 77/388, kif emendata bid-Direttiva 2006/69, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-liġi nazzjonali tirriżerva l-possibbiltà li tikkostitwixxi raggruppament ta' persuni li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala persuna taxxabbli waħda għal raġunijiet ta' taxxa fuq il-valur miżjud kif previst fl-imsemmija dispożizzjoni, unikament lill-entitajiet li għandhom personalità ġuridika u li huma marbuta mal-korp dominanti ta' dan ir-raggruppament f'relazzjoni ta' subordinazzjoni, sakemm dawn iż-żewġ rekwiżiti ma jikkostitwixxux miżuri neċessarji u xierqa biex jiksbu l-għanijiet intiżi li jipprevjenu l-prattiki jew l-aġir abbużiv jew il-ġlieda kontra l-frodi jew l-evażjoni tat-taxxa, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

3) L-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva 77/388, kif emendata bid-Direttiva 2006/69, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li għandu effett dirett li jippermetti lill-persuni taxxabbli sabiex jitolbu għall-benefiċċju tiegħu kontra l-Istat Membru tagħhom fil-każ li l-leġiżlazzjoni ta' dan tal-aħħar ma tkunx kompatibbli ma' din id-dispożizzjoni u ma tistax tiġi interpretata konformement magħha.

Firem